**Minuti tal-Laqgħa Nru 3 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 26 ta' April 2012 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.35 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet l-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.50 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.40 pm | 8.30 p.m |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.20 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier James Cassar | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier David Meilak | 7.35 pm | 8.30 pm |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.38 pm | 8.30 pm |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

## 1.0 Korrezzjonijiet u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Vici Sindku għamel dawn il-korrezzjonijiet:
Items 1.01 u 1.02 iridu jinqalbu.
Item 3.04: Din l-Item trid tinqara biex tiftiehem li l-ewwel isir ix-xogħol biex jitħaffru t-trinek u wara jsir ix-xogħol ta' *patching*.
Item 3.08: It-tieni paragrafu jrid jaqra li din it-triq tingħalaq għat-traffiku minn Triq San Gwann sa Triq il-Kbira.
Item 5.03: Din is-sentenza għandha taqra hekk: 'Ġie deċiż li għalissa l-Kunsill jimpjega miegħu persuna waħda li tgħin kemm fil-*front* u fil-*back office* u dan minħabba problemi ta' finanzi'.

Wara dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati.

## 2.0 Informazzjoni mill-Minuti

Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi kummenti x'jagħmlu dwar il-proġett 'District Recreational Park Area Proposal'.

Is-Sur Joe De Martino rrimarka li huwa jrid li jkun aċċertat li ħadd ma għandu jinqeda bil-proġett biex dan ikun jaqbel il-ħtiġijiet tiegħu.

Is-Sur Alex Muscat qal li huwa jaqbel fil-prinċipju mal-proġett għax b'hekk is-sit fil-maġġoranza tiegħu ikun miftuħ għall-pubbliku. Importanti nassiguraw li dejjem tibqa' ssir il-konsultazzjoni mal-pubbliku.

Hawn is-Sindku qrat il-kummenti tagħha li jinkludu:

*After listening to a very interesting presentation at council by the Perit Joe Grech, the council puts forward the following comments:*

*The council agrees in principle with the concept of MEPA to have a holistic approach to development at such a sensitive site that is to integrate recreational use within a historical setting.*

*The council is aware that such an integrated approach may result in the development of sites that may be mutually beneficial to private and public land users and may reduce the chance of having similar sites within an area serving a duplicate use.*

*It has been noted by council that in order for such an integrated approach to development to take place, at least 75% of the land owners of the site in question should be on board with the project.*

*The architect who presented his proposal to the council unfortunately was only representing one client who owns a very small percentage of the area proposed for development.*

*Therefore, the council is unable to recommend any way further as the council could not carry out the necessary discussions at this early* stage with the rest of the other land owners.
*It is also important to emphasise that the project happens as a whole.*

Hawn is-Sindku talbet lill-kunsilliera biex imorru għal Item numru 6. Kulħadd qabel.

**6.0 Triq id-Dawr u toroq oħra li qed isiru fil-Mosta**

Is-Sindku spjegat fid-dettal dwar il-proġett li kien sar fi Triq id-Dawr u elenkat il-punti importanti tal-każ.

- Il-Works order biex ix-xogħlijiet jibdew fi Triq id-Dawr u Triq l-Istrinġell ingħata mill-eks Sindku Dr Chetcuti Caruana fil-21 ta' Diċembru 2011. Din il-*Works order* kienet iffirmata minnu biss.

- Mill-Kunsill ħarġet e-mail mhux iffirmata lill-Kuntrattur V & C Contractors Ltd u lill Perit Charles Buhagiar biex jinbeda x-xogħol fuq dawn it-toroq fil-21 ta' Diċembru 2011.

- Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Philip Borg meta jiġi mistoqsi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali x'kien qed jiġri fi Triq id-Dawr kiteb li kien qed isir *resurfacing* f'dawn it-toroq fuq deċiżjoni li ittieħdet fil-Laqgħa Annwali tal-Kunsill ta' Ottubru 2011.

- Il-Kunsill ma iddiskuta qatt dawn it-toroq speċifikament u ma hemm l-ebda stima jew estimi ta' xogħolijiet ordnati. Il-Kunsill ma ħa ebda vot biex dawn it-toroq speċifikament isiru. Ma hemm l-ebda referenza fil-laqgħat tal-Kunsill dwar kif se jinġiebu l-fondi għal dawn ix-xogħolijiet.

- Il-Kuntrattur beda ix-xoghol fuq it-toroq fid-29 ta' Frar u lesta is-servizzi, bankini, house connections u boundary wall.

- kien fadal ir-resurfacing biss meta l-kuntrattur abbanduna x-xogħlijiet f'nofs April.

- Is-Sindku Dr Shirley Farrugia ordnat inkjesta fuq ix-xogħolijiet u tlesta rapport legali mill-avukat tal-Kunsill, Dr Joe Mifsud.

Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera biex isemmgħu il-ħsibijiet tagħhom dwar il-proġett ta' Triq id-Dawr. Il-Kunsilliera kollha hadu sehem f'din id-diskussjoni.

Kunsilliera Dr Rachel Tua pproponiet li l-Kunsill jieħu t- tieni opinjoni legali apparti dik ta' Dr Joe Mifsud. Il-Kunsill qabel.

Kien hemm interventi mill-pubbliku wara qbil mill-Kunsill kollu. Hawn inqalgħat diskussjoni kbira u imqanqla min-naħa tar-residenti li damet ghaddeja tlett kwarti ta' siegħa. Ir-residenti riedu jkunu jafu meta it-toroq ħa jitkomplew. Is-Sindku kontinwament assigurat lir-residenti li t-Triq id-Dawr kienet se titkompla iżda dan dejjem irid isir fil-parametri tal-liġi

Il-laqgħa intemmet ħesrem hekk kif resident qam jegħdded lill-Kunsilliera.

Il-laqgħa intemmet fis-8.30 ta' filgħaxija.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv